MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 12 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

| | |
|---|---|
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

12.1.1 Il-President qara ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku tal-Ħamrun fejn ta r-raġuni għaliex ma setax jattendi.

12.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

12.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tal-ħdax-il (11) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

12.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Charlot Mifsud u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 12.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

12.3.1 Il-President qal li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jintagħżel il-logo uffiċjali minn bord appuntat li se jkun qed jara li jintlaħqu l-livelli meħtieġa. Matul il-jiem li għaddew ġie ffirmat il-kuntratt mad-direttur artistiku. Fit-13 ta' Jannar se ssir konferenza stampa fejn se tiġi mnedija s-sena tar-Reġjun Kulturali 2023. Fl-14 se ssir l-ewwel attività li se tkun tinkludi mużika, żfin u drama. Qed jiġu kkoordinati attivitajiet oħra matul is-sena ma' kull Kunsill Lokali fir-reġjun.

**- Budget 2023**

12.3.2 Il-President semma' kif l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għas-sena li ġejja se tkun l-istess bħal tas-sena li għaddiet. Minkejja dan, l-għajnuna finanzjarja addizzjonali biex tkopri s-salarji tal-maniġers reġjonali mhux se tkun qed tingħata u dan se joħloq sfidi finanzjarji kbar fuq il-Kunsill Reġjonali. L-allokazzjoni possibilment mhux se tkun qed tkopri l-ispejjeż kollha ta' salarji, amministrazzjoni u manutenzjoni u jidher li l-budget għas-sena li ġejja se jkun bi żbilanċ negattiv. Il-President qal li għaddejjin diskussjonijiet forsi tinstab soluzzjoni għal din l-isfida fuq il-Kunsill Reġjonali li se tkun qed ixxekkel il-ħidma, l-inizjattivi u l-proġetti li kien hemm ippjanati.

**- Southern Region Local Council's Race**

12.3.3 Il-President qal li uffiċjali mill-Equidrome se jkunu qed jiltaqgħu mas-Sindki waqt waħda mil-laqgħat tal-Kunsill Reġjonali sabiex jingħataw aktar informazzjoni u dettalji dwar din l-attività.

**- Sejħa għall-Ġbir tal-Iskart Domestiku**

12.3.4 Il-President semma' kif il-Bord tal-evalwazzjoni tat-tender għall-ġbir tal-iskart domestiku fuq bażi reġjonali temm il-proċess tal-evalwazzjoni u bħalissa l-proċess jinsab fil-perjodu ta' stand still. Hu qal li jekk il-Kunsilli Lokali jridu li jkollhom servizz effiċjenti, hu ta' importanza kbira li jassenjaw contracts manager li jkun responsabbli minn dan is-servizz ħalli jissorvelja x-xogħol waqt il-ħin tal-ġbir u jaċċerta li qed jinżammu l-livelli mixtieqa. Il-President żied jgħid li wara li jintemm il-proċess kollu u jiġi magħżul il-kuntrattur, se jkunu qed isiru laqgħat individwali mal-kuntrattur u mal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma (work plan) għal dan is-servizz.

**- Kaleici Old Town Festival**

12.3.5 Il-President irrefera għal dan il-festival u qal li ż-żjara marret tajjeb u saru diversi kuntatti li jistgħu jservu għal aktar inizjattivi, proġetti u attivitajiet kulturali fiż-żmien li ġej.

**- Laqgħa ta' Konsultazzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali tal-Gvern Lokali**

12.3.6 Il-President semma' kif waqt din il-laqgħa li nżammet fis-16 ta' Novembru tressqu diversi kummenti u suġġerimenti validi li, skont kif ġie infurmat, se tkun qed tittieħed nota tagħhom mis-Segretarjat.

**- Tenders għal Servizz ta' DPO u Servizz ta' Konsulent Legali**

12.3.7 Il-President qal li fil-jiem li għaddew ġie ffirmat il-kuntratt mad-data protection officer u sal-aħħar ta' din il-ġimgħa se jkun qed jiġi ffirmat il-kuntratt mal-konsulent legali.

**- Tender għal servizz ta' accountant għall-Kunsill Reġjonali**

12.3.8 Il-President qal li t-tender għal servizz ta' accountant ġiet ippubblikata mis-Sectoral Procurement Department u tagħlaq fit-22 ta' Novembru 2022.

**- Evalwazzjoni u studju dwar l-impatti soċjali**

12.3.9 Il-President irrefera għal dan l-istudju u qal li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jiġi ffirmat kuntratt mal-Università ta' Malta sabiex tmexxi u twettaq l-evalwazzjoni u l-istudju fil-lokalitajiet tar-reġjun.

**- Kummenti**

12.3.10 Waqt il-ħin allokat għall-kummenti, s-Sur Josef Azzopardi qal li rridu naċċertaw li l-kuntrattur il-ġdid li se jkun responsabbli mill-ġbir tal-iskart jipprepara ruħu sew qabel jibda jopera ħalli s-servizz ikun ta' livell għoli. Hu żied jgħid li normalment, fil-Kunsilli Lokali, ir-rapport tal-evalwazzjoni jiġi approvat mill-Kunsilliera waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

12.3.11 Is-Sur Stephen Sultana qabel mas-Sur Azzopardi u qal li ma jistax jifhem kif ir-rapport mhux se jitressaq għall-approvazzjoni tal-Membri.

12.3.12 Is-Sur Darren Abela qal li hu jaqbel mija fil-mija ma' dan il-kuntratt imma, fl-opinjoni tiegħu, mhux qed tingħata biżżejjed informazzjoni lill-pubbliku.

12.3.13 Il-President fakkar li l-Kunsill Reġjonali hu differenti mill-Kunsilli Lokali u jaqa' taħt skeda 16 f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkwist pubbliku. Għaldaqstant, it-tenders jiġu ppubblikati mis-Sectoral Procurement Department. Hu żied jgħid li qed ikun hemm laqgħat b'mod regolari mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, kif ukoll mal-Awtoritajiet u l-Ministeri konċernati minn dan is-servizz sabiex naċċertaw li kollox miexi kif ippjanat. Aħna dejjem qed nimxu mal-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet mogħtija lilna. Il-President qal li jinsab ottimist li dan is-servizz se jkun qed jara titjib u livell ogħla. Hu żied jgħid li qed tingħata informazzjoni lill-pubbliku fuq diversi mezzi fuq kif għandu jiġi separat l-iskart. Fi ftit żmien ieħor, is-separazzjoni tal-iskart se tkun obbligatorja bil-liġi u se tkun rinforzata. Hu fakkar li jekk il-Kunsilli Lokali mhux se jkollhom contracts manager assenjat li jkun qed jissorvelja s-servizz waqt il-ħin tal-ġbir, hu diffiċli li jkun hemm effiċjenza u jinżammu l-livelli mixtieqa.

12.3.14 Is-Sur Josef Masini Vento qal li hu jemmen li jekk ikun hemm infurzar, is-servizz jitjieb.

12.3.15 Is-Sa Marija Sara Vella fakkret li hemm multi kbar imposti mill-UE, jekk ma jittiħdux il-passi meħtieġa u nindirizzaw l-isfidi li għandna fl-immaniġġjar tal-iskart. Għalhekk irridu nieħdu din il-ħaġa bis-serjetà u naraw li dan is-servizz isir b'mod effiċjenti u effettiv. Is-separazzjoni tal-iskart se ssir bil-liġi għar-residenzi u anke għall-iistabbilimenti kummerċjali u se jkun hemm pieni u multi għal min jonqos li jagħmel dan.

## 12.4 Skeda ta' Pagamenti;

12.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 11/22A u 11/22B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

12.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sa Doris Abela, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 12.5 Espressjoni ta' Interess għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi;

12.5.1 Il-President ressaq Ċirkulari Numru SPI/SCI/10/2022 li ġiet iċċirkolata mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija. Hu ta spjega tagħha u qal li jekk il-Kunsill Reġjonali jissottometti t-talba għall-interess tiegħu f'din l-iskema, il-Kunsilli Lokali se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn total ta' €360,000 fuq xogħlijiet ta' żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi fil-lokalitajiet tar-reġjun. Il-President qal li jekk it-talba tiġi milqugħa, il-Kunsilli Lokali se jiġu mitluba jissottomettu proposti u proġetti li se jiġu evalwati minn bord imwaqqaf apposta. Il-bord se jagħżel l-aħjar proposti skont il-bżonnijiet, il-prijoritajiet u l-mod kif se jkunu mmaniġġjati l-latrini wara li jsiru x-xogħlijiet. Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jamministra l-fondi, jissorvelja l-proċessi u jissorvelja l-proġetti marbuta ma' din l-iskema. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

12.5.2 Il-Membri preżenti ddiskutew u approvaw b'mod unanimu li l-Kunsill Reġjonali jissottometti t-talba għal din l-espressjoni ta' interess mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 12.6 Kuntratt tal-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq;

12.6.1 Il-President semma' kif il-kuntratt għas-servizz tal-manutenzjoni u d-dwal fit-toroq jistabilixxi li jrid jiġġedded kull sena sa massimu ta' erba' snin. Dan il-kuntratt jiġi mġedded f'Diċembru, u jekk il-Membri jixtiequ jkomplu bis-servizz tal-kuntrattur eżistenti, għandhom japprovaw li jiġi mġedded għat-tielet sena tiegħu.

12.6.2 Il-Membri taw l-approvazzjoni tagħhom b'mod unanimu.

## 12.7 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report - September 2022**

12.7.1 Il-President ippreżenta l-Quarterly Financial Report li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Settembru 2022. Hu qal li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Reġjonali hija soda imma wera tħassib għal dak li jista' jiġri s-sena d-dieħla wara li ġie infurmat li se jkun hemm tnaqqis sostanzjali ta' sostenn finanzjarju u dan żgur se jaffettwa l-ħidma li kien hemm ippjanata. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

12.7.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu.

**- Strateġija Kulturali 2022-2025**

12.7.3 Il-President ressaq id-draft tad-dokument għall-istrateġija kulturali tar-Reġjun tan-Nofsinhar għall-ħames snin li ġejjin li ntbagħat ukoll lill-Kunsilli Lokali. Hu qal li din l-istrateġija qed titfassal b'konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti. Żied jgħid li dawk li jixtiequ jressqu kummenti jew suġġerimenti għandhom jagħmlu dan sat-22 ta' Novembru. Fis-16 ta' Diċembru se tkun qed issir it-tnedija ta' din l-istrateġija.

**- Art 4 Active Ageing**

12.7.4 Il-President irrefera għal din l-inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali mmirata għall-anzjani u qal li s-suċċess ta' dawn is-sessjonijiet jiddependu mill-kooperazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hu fakkar li għandha tittieħed ir-reġistrazzjoni ta' dawk l-anzjani li jkunu interessati jipparteċipaw u li jiġi pprovdut it-trasport meta meħtieġ.

**- Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

12.7.5 Il-President ressaq korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha. Il-korrispondenza u d-dokument anness jagħtu linja gwida għal diskussjoni dwar il-konsultazzjoni għall-istrateġija tal-Gvern Lokali. Hu ħeġġeġ lis-Sindki u l-Kunsilliera sabiex jiddiskutu t-temi indikati fid-dokument fil-laqgħat tagħhom li se jkomplu jiġu diskussi aktar fid-dettall fil-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni.

**- Inizjattiva mill-Kunsill Reġjonali waqt il-Waste Reduction Week**

12.7.6 Il-President irrefera għal din l-inizjattiva u qal li tqassmu diversi bins f'ħafna skejjel fir-reġjun fejn l-istudenti se jkunu jistgħu jiddisponu minn ħwejjeġ li jkunu għadhom fi stat

tajjeb. Dawn il-bins se jinġabru lura u l-ħwejjeġ se jkunu qed jitqassmu lil numru ta' istituzzjonijiet tal-karità.

## 12.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

12.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.12 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |